# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 20**

**Avviz numru 1374/00/SM**

**Grima Communications Limited**

**vs**

**Stephen Spiteri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u zewg liri u erbghin centezmu, (LM302.40,0), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' reklami li xxandru fuq l-istazzjon Live FM fuq inkarigu tieghu u li baqghu ma thallsux minkejja diversi interpellazzjonijiet;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv fuq din is-somma ta' LM301.40,0 u bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta' Settembru tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**